MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 12/2010

**Rausi Company Limited (C-6149)**

**vs**

**Rosaria sive Maria Rosaria sive Lucy Gauci (K.I. 136163M)**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ rikorrenti talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundanata li thallas lill-istess socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ disat elef, sitt mija u disgha u tletin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (EUR9,639.26) dovuti mill-konvenuta lill-attrici prezz ta’ merce konsenjata skont ftehim mal-istess konvenuta fl-2009, liema hlas ghadu ma sarx minkejja bosta interpellazzjonijiet.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali, inkluzi *inter alia* imma mhux biss dawk tat-8 ta’ Novembru, 2009 u tat-28 ta’ Dicembru, 2009 kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali numru 5226/2009 tal-25 ta’ Settembru, 2009, inkluza il-VAT fuq

drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet kummercjali skont il-ligi u ai termini tal-Avviz Legali 233 tal-2005 mid-data ta' kull konsenja rispettiva kontro l-intimata ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta (fol 23 tal-istess atti) u li biha esponiet bir-rispett:

1. Illi l-eccipjenti m'ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u minhabba f'dan ghandu jigi kjamat fil-kawza l-veru debitur tal-atturi ossija certu John Cameron;
2. Illi bla pregudizzju l-eccipjenti gie kienet ftehmet u lahqet arrangement mal-atturi li minn dakinhar 'l hemm ma saret ebda novazzjoni bejn il-partijiet li tawtorizzhom jircievu hlas;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-unici provi prodotti kienu daparti s-socjeta' attrici cjoe' Roderick Rausi (fol 25 ibid), Claudia Grech u John Rausi li xehed fis-seduta mizmuma fl-10 ta' Dicembru 2012 u kollha kemm huma, anke permezz ta' dokumenti, kkonfermaw li l-oggetti specifikati fid-dokumenti annessi a fol 35 sa fol 38 ibid (ara wkoll l-"statement" a fol 34 ibid) kollha kemm huma gew mibjugha u konsenjati lill-konvenuta fis-"Sirens Aquatic Sports Club", f'San Pawl il-Bahar, wara li gew ordnati minnha stess , li sad-data tal-lum, avolja sar tentattiv anke ta' transazzjoni bejn l-istess partijiet u li sallum, ma sar l-ebda pagament.

**Ikkunsidrat**

Illi l-istess konvenuta dehret darbtejn biss quddiem din il-Qorti u sallum ma tat ebda spjegazzjoni u xi bazi in rigward dak li allegat fir-risposta taghha. Inoltre, il-Qorti tara li dan il-kaz ma jisthoqqlux li jigi differit ghal darba ohra peress li tali differiment jista' jkun ta' pregudizzju ghad-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta' rikorrenti s-somma ta' disat elef, sitt mija u disgha u tletin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (EUR9,639.26) bl-imghaxijiet kummercjali "a scaletta" mill-

25 ta’ Gunju 2009 kif risultanti mill-“statement” a fol 34 tal-istess atti u li ghandu jifforma parti integrali ta’ din is-sentenza, sad-data tal-pagament effettiv. Kif ukoll l-ispejjez kollha nkluzi, dawk tal-ittri legali tat-8 ta’ Novembru 2009 u tat-28 ta’ Dicembru 2009, tal-ittra ufficjali numru 5226/2009 tal-25 ta’ Settembru 2009 u nkluza t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------